# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 11**

**Rikors numru 27/07 JRM**

**Tafarre Besabe Berhe**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Tafarre Besabe Berhe mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fid-9 ta' Marzu 2017, li permezz taghha dik il-Qorti (i) filwaqt illi laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent safejn din tirreferi ghaz-zamma tieghu b'detenzjoni fic-Centru tad-Detenzjoni u liema zamma saret bi ksur tal-jedd tieghu li ma jinzammx arrestat b'mod

arbitrarju kemm taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] kif ukoll taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali [il-Konvenzjoni], (ii) cahdet it-tieni talba tieghu sa fejn l-ilment tieghu jirreferi ghall-allegazzjonijet ta' trattament degradanti jew inuman taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, billi ma sabitx li z-zamma tieghu fic-Centru ta' Detenzjoni kienet twassal ghal trattament li jikser l-imsemmija dispozizzjonijiet u finalment (iii) laqghet it-tielet talba tar-rikorrent billi ordnat lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) bhala kumpens ghall-hsara morali mgarrba minnu minhabba l-ksur tal-jedd tieghu li ma jkunx mizmum b'mod arbitrarju, kif ukoll ihallsu bl-istess mod, l-ispejjez tal-kawza.

<u>Mertu</u>

2. Illi permezz ta' dan ir-rikors kostituzzjonali, ir-rikorrent jallega *inter alia* illi, waqt iz-zamma tieghu taht detenzjoni fic-Centru ta' Detenzjoni gewwa Lyster Barracks, sa mill-wasla tieghu f'Malta fis-17 ta' Ottubru 2006 sakemm gie effettivament mehlus mid-detenzjoni sena wara, huwa kien qieghed jigi detenut f'kondizzjonijiet hziena hafna, liema kondizzjonijiet jinkludu fost affarijiet ohra, l-iffullar, nuqqas ta' facilitajiet sanitarji adegwati, nuqqas assolut ta' access ghall-attivita` kostruttiva u

access inadegwat ghal servizzi medici u legali. Skont ir-rikorrent, dawn il-kondizzjonijiet jammontaw ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu li huma protetti skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

3. L-intimati, fid-difiza taghhom, innegaw kull allegazzjoni ta' ksur tal-imsemmija Artikoli stante illi r-rikorrent bhad-detenuti l-ohra dejjem gie trattat b'mod uman u bir-rispett li jisthoqqlu tenut kont tac-cirkostanzi kollha relattivi ghas-sitwazzjoni tieghu.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent wasal Malta b'mod irregolari u nżamm f'ċentru ta' detenzjoni għal immigranti ipprojbiti. Qal li l-kundizzjonijiet li kien qed jinżamm fihom kienu jiksru l-jedd tiegħu għal ħarsien minn trattament inuman, u għaliex il-fatt li dam ix-xhur jinżamm detenut, ġarrab ksur tal-jedd ieħor fundamentali li jkun imħares minn arrest jew detenzjoni arbitrarji. Talab li jingħata rimedju għal dik il-qagħda li kien jinsab fiha, magħdud il-ħelsien tiegħu minnufih. Ir-rikorrent jgħid li kien ilu jinżamm fiċ-ċentru ta' detenzjoni sa minn mindu wasal f'Malta f'Ottubru tal-2006. Huwa nħeles fis-17 ta' Ottubru, 2007, mal-għeluq tas-sena mill-wasla tiegħu f'Malta;
>
> "Illi għall-azzjoni tar-rikorrent, l-intimati laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent ġarrab xi ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu, kif jallega, u żiedu jgħidu li kien l-istess rikorrent li ġab b'idejh il-qagħda li jinsab fiha għaliex kellu rimedju li ma nqediex bih. Għalhekk, huma qalu li l-Qorti messha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha għaliex ir-rikorrenti jmissu l-ewwel ifittex dak ir-rimedju qabel ma jressaq kawża bħal din. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ladarba r-rikorrent kien

immigrant ipprojbit, huwa kien qiegħed jinżamm skond il-liġi u l-Istat għandu dritt iżommu b'dak il-mod. B'mod partikolari, qalu li ż-żamma tar-rikorrent ma tiksirx la l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u lanqas l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni għaliex iż-żamma tiegħu tinkwadra ruħha fl-eċċezzjonijiet maħsubin fl-istess imsemmija artikoli, jiġifieri taħt l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li lanqas ma jista' jingħad li seħħ xi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, għaliex it-trattament mogħti lir-rikorrent kien bħal dak mogħti lid-detenuti l-oħrajn, jiġifieri wieħed uman u bir-rispett li jistħoqqlu, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha relattivi għas-sitwazzjoni tiegħu;

"Illi din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati b'sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju, 2007;

"Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li r-rikorrent twieled f'Asmara fl-Eritrea fl-1983 fi ħdan familja ta' twemmin nisrani. Minħabba li kien jaqdi l-funzjoni ta' predikatur fil-Knisja Pentekostali, kien persegwitat f'pajjiżu mnejn fl-aħħar ħarab f'Mejju tal-2005[1];

"Illi mill-Eritrea mar is-Sudan, imma minħabba twemminu, tkeċċa u ntbagħat il-Libja u, wara li qatta' madwar sena hemmhekk u ma kienx imħares biżżejjed, qatagħha li jitlaq minn hemm ukoll u twassal Malta bil-baħar fis-17 ta' Ottubru, 2006, meta d-dgħajsa li kien riekeb fuqha r-rikorrent u oħrajn talbet l-għajnuna u huwa ttella' abbord il-bastiment "*Bella III*" li ta l-għajnuna madwar sebgħin (70) mil nawtiku fin-nofsinhar ta' Malta[2];

"Illi mal-wasla tiegħu f'Malta, hu u kull min kien fuq l-imsemmija dgħajsa u kien għadu ħaj (għaliex ir-rikorrent jgħid li matul il-vjaġġ xi wħud mill-passiġġieri għerqu[3]) ngħata reġistrazzjoni[4] u ttieħed fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Lyster Barracks f'Ħal Far, li dak iż-żmien kien ilu madwar ħames (5) snin li beda jintuża bħala ċentru fejn jinżammu xi immigranti li jkunu waslu f'Malta[5]. Minħabba li r-rikorrent ma kellux indirizz fejn imur, inħarġet ordni ta' tneħħija tiegħu minn Malta dakinhar li wasal[6]. Għall-bidu, tqiegħed f'kamra numru tlieta (3) fi Blokka "B" tal-Kwartieri. Wara xi żmien tal-wasla tiegħu f'Malta,

[1] Xhieda tar-rikorrent f'paġ. 180 tal-proċess

[2] Xhieda tal-Ispettur Mary Edel Camilleri f'paġġ. 112 – 3 tal-proċess

[3] Xhieda tiegħu f'paġ. 180 tal-proċess

[4] Ara Dok "EMC2", f'paġ. 19 tal-proċess

[5] Xhieda tal-Kul. Brian Gatt f'paġ. 161 tal-proċess

[6] Dok "EMC1", f'paġ. 18 tal-proċess

f'Ġunju tal-2007[7], ir-rikorrent tqiegħed fit-taqsima tat-tined ("*tent compound*") u mhux aktar fil-binja taċ-Ċentru[8];

"Illi ftit jiem wara l-wasla tiegħu f'Malta, ir-rikorrent ħarab miċ-Ċentru tad-Detenzjoni u nqabad fiċ-Ċentru l-Miftuħ tal-Marsa fit-2 ta' Novembru, 2006, u ttieħed lura fil-Lyster Barracks[9];

"Illi fil-25 ta' Ottubru, 2006[10], ftit jiem wara li wasal Malta, u minħabba li kien mgħarraf bl-ordni għat-tneħħija tiegħu minn Malta, huwa talab lill-Kummissarju għar-Rifuġjati biex jikkunsidra li jingħata kenn ("*asylum*"). Billi t-talbiet jitqiesu skond id-data ta' meta l-persuna tkun waslet f'Malta u billi qabel it-talba tar-rikorrent kien hemm 'il fuq minn tliet mitt (300) talba oħra tistenna l-istħarriġ, l-applikazzjoni tiegħu bdiet tieħu ż-żmien u sa seba' (7) xhur wara l-wasla tiegħu f'Malta lanqas biss kien għadu ssejjaħ għall-intervista mill-Kummissarju għar-Rifuġjati;

"Illi fit-8 ta' Mejju, 2007, fetaħ din il-kawża;

"Illi fit-13 ta' Settembru, 2007, saritlu l-ewwel intervista mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati u mal-għeluq tas-sena mill-wasla tiegħu f'Malta, fis-17 ta' Ottubru, 2007, huwa nħeles miċ-Ċentru ta' Detenzjoni u għal xi żmien baqa' jgħix f'Malta billi fit-8 ta' April, 2008[11], il-Kummissarju tar-Rifuġjati irrakkomanda li r-rikorrent jingħata Ħarsien Umanitarju Provviżorju għal żmien li jiġġedded ta' sena biex jista' jibqa' f'Malta;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ, jidher li l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq ilment ta' ksur ta' żewġ jeddijiet tiegħu fondamentali: il-jedd li ma jinżammx arrestat b'mod arbitrarju, u l-jedd li ma jingħatax trattament inuman u degradanti;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ dawn iż-żewġ ilmenti fl-ordni li ressaqhom ir-rikorrent;

"Illi għar-rigward tal-**ilment dwar il-ksur tal-jedd li ma jkunx arrestat b'mod arbitrarju** ir-rikorrent jistrieħ kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dawk tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

---

7 Dok "NHA", f'paġ. 540 tal-proċess

8 Xhieda tal-Kul. Brian Gatt f'paġ. 166 tal-proċess

9 Xhieda ta' Lgt. Neil Hampton f'paġ. 547 tal-proċess

10 Xhieda ta' Mario Guido Friggieri f'paġġ. 146 – 7 tal-proċess

11 Dok "AA" f'paġ. 543 tal-proċess

"Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtoriżżat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*

"*(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors ta' l-estradizzjoni jew it-tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor; ...*"

"*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi informat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu:...*"

"*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut – (a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni ta' l-ordni ta' qorti; jew (b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-sub-artikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża;* ";

"*(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna*";

"Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"(1) *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.*
"*Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:*

"*.. .. .. (f) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorita' fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni;*

"*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*

"*.. .. ..*

"*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi.*

"*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*";

"Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[12]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*"[13] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[14]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[15];

"Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[16], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem jirbaħ fuq kollox;

"Illi ż-żewġ testi tal-liġi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

---

[12] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224

[13] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), § 9.4.1, pġ. 463

[14] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481

[15] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25

[16] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni

"Illi fil-liġi tagħna, is-setgħat tal-Pulizija li żżomm persuna li tkun waslet f'Malta b'mod "irregolari" huma stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14(2) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"Illi huwa miżmum li ż-żamma mill-awtoritajiet ta' persuna li tidħol jew tipprova tidħol f'pajjiż mhux kif trid il-liġi hija prerogattiva tal-Istat[17], u li ż-żamma ta' persuna li tkun trid tidħol f'pajjiż ieħor tista' tkun kompatibbli ma' żamma mħarsa taħt l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni, ukoll jekk dik il-persuna tkun qiegħda tfittex kenn fil-pajjiż li fih tipprova tidħol[18]. Imma hekk kif persuna bħal dik tinżamm mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat, iridu jitħarsu l-kundizzjonijiet li jħallu li dik id-detenzjoni ma ssirx waħda arbitrarja jew illegali;

"Illi r-rikorrent jgħid li ż-żamma tiegħu kienet waħda li għaliha ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni, u għalkemm għall-bidu setgħet kienet waħda skond il-liġi, malli għadda ċertu żmien ma baqgħetx legali aktar. Ir-rikorrent jgħid li hekk kif nieda t-talba tiegħu biex jingħata kenn taħt l-artikolu 10 tal-Att dwar ir-Rifuġjati[19], il-proċess tat-tneħħija tiegħu minn Malta twaqqaf għaliex dan kienet tgħidu l-liġi nnifisha. Għalhekk iż-żamma tiegħu matul iż-żmien li l-awtoritajiet kienu qegħdin jikkunsidraw it-talba tiegħu biex jingħata kenn f'Malta kien jikkostitwixxi arrest li ma kienx imħares bil-liġi, ladarba ma seta' jittieħed l-ebda pass biex huwa jitneħħa minn Malta sakemm idum għaddej il-proċess tat-talba tiegħu. Huwa jgħid li ma kienx skond il-liġi li jinżamm f'detenzjoni sakemm it-talba tiegħu biex jingħata kenn f'Malta tkun qiegħda tinstema';

"Illi r-rikorrent iżid jgħid li d-detenzjoni tiegħu fiċ-Ċentru kisret ukoll il-liġi minħabba li l-proċeduri biex titqies it-talba tiegħu biex jingħata kenn f'Malta ħadu żmien aktar minn dak li huwa raġonevoli, u li t-tul ta' żmien li dam miżmum sakemm imqar beda jinstema' l-każ tiegħu mill-awtoritajiet ġab dik iż-żamma waħda irraġonevoli u mhux proporzjonata. Il-fatt li dik iż-żamma setgħet titqies legali skond il-liġi ta' Malta ma jfissirx li ma setgħetx kienet waħda arbitrarja taħt il-Konvenzjoni[20]. Fuq kollox, ma ntweriex mill-intimati li ż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni kienet marbuta mal-istess proċeduri jew li kienet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jitmexxew 'il quddiem;

---

[17] Q.E.D.B. **22.5.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Sadaykov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 75157/01) §§ 20 – 2

[18] Q.E.D.B. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Amuur vs Franza*** (Applik. Nru. 19776/92) § 50

[19] Dan l-artikolu tneħħa mill-Kap 420 mal-bidliet li ddaħħlu fil-liġi bl-art. 8 tal-Att VII tal-2008

[20] Q.E.D.B. **29.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Saadi vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 13229/03) § 67

"Illi ma' dawn is-sottomissjonijiet, ir-rikorrent seħaq ukoll fuq il-fatt li l-proċeduri li ried jieħu biex jitlob kenn f'Malta ma kinux 'aċċessibbli u preċiżi biżżejjed' u lanqas ma kienu jagħtu li wieħed jistħarreġ is-siwi tagħhom quddiem qorti indipendenti u imparzjali. Dan minbarra li ż-żmien ta' sena bħala limitu li persuna kienet tinżamm detenuta f'Ċentru ma kienx stabilit minn liġi, imma minn deċiżjoni amministrattiva fil-qafas tal-politika ('*policy*') tal-amministrazzjoni ta' dak iż-żmien. Tenna wkoll li l-fatt li l-awtoritajiet Maltin ma setgħux ilaħħqu mal-għadd ta' talbiet għal kenn li bdew isiru minn bosta mill-immigranti li kienu waslu f'Malta f'dak iż-żmien ma hijiex skuża tajba li tiġġustifika d-dewmien fit-tmexxija u s-smigħ tat-talba tiegħu u li dawn in-nuqqasijiet iġibu fix-xejn kull ħjiel ta' raġonevolezza fid-detenzjoni tiegħu;

"Illi, b'żieda ma' dan kollu, ir-rikorrent jgħid ukoll li ż-żamma tiegħu kienet tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni[21] billi fl-ebda waqt wara l-wasla tiegħu f'Malta ma ngħata t-tagħrif dwar ir-raġuni għalfejn inżamm magħluq fiċ-Ċentru. L-ordni tat-tneħħija minn Malta li ngħatatlu minnufih mal-wasla tiegħu f'Malta ma setgħetx kienet aktar ir-raġuni għalfejn inżamm magħluq fiċ-Ċentru, ladarba kien ressaq talba biex jingħata kenn. Minn dakinhar 'il quddiem ma ngħatatlux raġuni tajba għaliex baqa' jinżamm bħallikieku kien sejjer jitkeċċa minn Malta;

"Illi, fl-aħħarnett, ir-rikorrent jilminta li ż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni tikser ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni għaliex ma kellu l-ebda rimedju mħaffef jew effettiv biex iressaq l-ilment tiegħu dwar iż-żamma tiegħu quddiem qorti imparzjali u indipendenti li setgħet tqis il-każ tiegħu bla dewmien. Ma' dan żied jgħid ukoll li persuna fil-qagħda tiegħu ma tingħatax lanqas is-servizz ta' għajnuna legali jekk ma tkunx tista' tħallas għaliha u dik l-għajnuna li tingħata tgħodd biss fl-istadju tal-appell minn deċiżjoni sfavorevoli li ma tilqax talba tagħha għall-għoti ta' kenn;

"Illi, min-naħa tagħhom, jiċħdu li d-detenzjoni tar-rikorrent saret jew kienet bi ksur tal-liġi jew li kienet waħda arbitrarja. Iżidu li r-rikorrent kellu kull jedd li jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u nqeda b'dawk ir-rimedji. Saħqu li ż-żamma tar-rikorrent fiċ-Ċentru kienet toqgħod kemm ma' dak li jipprovdi l-artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni. Huma jgħidu li l-jedd li l-Istat iżomm persuna milli tidħol b'mod irregolari fit-territorju tiegħu huwa magħruf ukoll minn

[21] Li jixbah ukoll dawk tal-artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni

Konvenzjonijiet oħrajn internazzjonali[22] u li lanqas jillimitaw iż-żmien li tali żamma tista' ttul;

"Illi huma jwarrbu l-argument tar-rikorrent li għaliex huwa ressaq talba għall-għoti ta' kenn f'Malta b'daqshekk l-Ordni ta' Tneħħija kien tħassar: dak l-Ordni baqa' fis-seħħ għaliex, minkejja t-talba li jingħata kenn f'Malta, xorta waħda baqa' immigrant irregolari u ma kienx f'qagħda li jmantni lilu nnifsu bla ma jkun ta' piż fuq Malta. Huma jgħidu li ż-żamma ta' sena f'Ċentru ta' Detenzjoni toħroġ mit-tħaddim ta' Direttiva Komunitarja li Malta adottat fil-liġi tagħna[23] u trid titqies fil-qafas tal-ġrajjiet li kienu għaddejjin fiż-żmien li r-rikorrent inġab f'Malta, meta l-għadd ta' persuni li bħalu waslu f'Malta kien qabeż kull previżjoni;

"Illi l-intimati jiċħdu wkoll li ż-żamma tar-rikorrent kienet waħda arbitrarja għaliex kienet imwettqa b'bona fidi f'kull stadju tal-proċess u kienet marbuta sfiq mat-tħassib li immigrant irregolari ma jitħalliex jidħol f'Malta jekk mhux skond il-liġi u b'mod regolari. Huma jaraw il-bona fidi tal-awtoritajiet fil-fatt li, sa mill-wasla tiegħu f'Malta, ir-rikorrent ingħata tagħrif miktub u li seta' jifhem dwar il-jeddijiet li kellu, wkoll biex jitlob li jingħata kenn f'Malta u li l-proċess tmexxa bla tnikkir hekk kif it-talba tiegħu twasslet lill-Bord, fiċ-ċirkostanzi rejali ta' bosta talbiet li saru minn ħaddieħor fl-istess żminijiet u li l-istess Bord kien mistenni li jipproċessa bir-reqqa mistennija u bir-riżorsi li kellu. Huma għalhekk iqisu li ż-żamma tar-rikorrent lanqas setgħet kienet waħda li tikser l-artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni;

"Illi fl-aħħarnett, l-intimati jgħidu li r-rikorrent ma jistax iserraħ l-ilment tiegħu fuq ksur tal-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, ladarba huwa nħeles mid-detenzjoni saħansitra matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża. Minkejja dan, huma jgħidu li r-rikorrent kellu dejjem jedd ta' aċċess għal qorti biex tistħarreġ u tiddeċiedi dwar il-legalita' taż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru;

"Illi minħabba li r-rikorrent qasam l-ilment tiegħu dwar ksur ta' jedd għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju fuq tliet dispożizzjonijiet, u l-intimati mxew ma' dik l-għażla biex jirribattuh, il-Qorti sejra hija wkoll tqis l-ilment taħt l-imsemmija taqsimiet. Fi kliem ieħor, sejra (i) tqis jekk kienx hemm ksur tal-jedd kontra arrest illegali jew arbitrarju, (ii) jekk ir-rikorrent kienx mogħti, f'ilsien li jifhem, tagħrif biżżejjed dwar il-jeddijiet tiegħu biex ikun jaf għaliex kien qiegħed jinżamm u (iii) jekk kienx

[22] Isemmu l-art. 9 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda (Ġinevra) dwar l-Istat tar-Rifuġjati (28.7.1951)

[23] A.L. 320/05 (L.S. 420.06) li ittraspona d-Direttiva 2003/9KE

imċaħħad minn jedd li jersaq quddiem qorti jew awtorita' oħra kompetenti biex l-arrest tiegħu jkun mistħarreġ fi żmien xieraq u b'mod effettiv;

"Illi l-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li ż-żmien li r-rikorrent kellu joqgħod fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni, kif jixhed isem il-post, kien żmien li kien miżmum u mċaħħad mill-ħelsien tiegħu. Il-fatt ukoll li, ftit żmien wara li ttieħed f'dak iċ-Ċentru seħħlu jaħrab għal xi żmien ukoll juri li hu ma kellux l-għażla li jmur fejn irid bla xkiel, għaliex ħadd ma jaħrab minn imkien li fih ikun qiegħed għaliex irid u li jista' jitlaq minnu x'ħin jogħġbu. Meta nstab f'Ċentru miftuħ band'oħra f'Malta, reġa' ttieħed lura lejn iċ-Ċentru ta' Detenzjoni, minkejja li sa dakinhar kien ressaq it-talba tiegħu lill-Bord tal-Appell għar-Rifuġjati biex jingħata kenn f'Malta;

"Illi l-konsiderazzjonijiet li sejra tagħmel il-Qorti għalhekk sejrin iqisu dik id-detenzjoni li, għal raġunijiet prattiċi, sejra titqies bħala "*quid unum*" b'seħħ minn meta twassal Malta f'Ottubru tal-2006 sa ma nħeles f'Ottubru ta' sena wara;

"Illi għar-rigward ta' **jekk id-detenzjoni tar-rikorrent kinitx waħda legali u mhux arbitrarja** diġa' ngħad x'għandu jkun biex arrest jew żamma ta' persuna tkun tissoddisfa dawn il-ħtiġijiet. Madankollu, tajjeb li wieħed jgħid li, għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni, jeżistu żewġ ċirkostanzi biex wieħed iqis jekk arrest huwiex wieħed imħares b'dak l-artikolu. Kemm hu hekk, ir-raġuni tad-detenzjoni trid tkun għal waħda minn żewġ għanijiet, u jiġifieri jew (a) biex jiġi evitat li persuna tidħol irregolarment fil-pajjiż jew (b) għaliex tkun miexja dwar persuna bħal dik proċedura għat-tneħħija jew l-estradizzjoni tagħha. Jekk matul detenzjoni bħal dik ma jintweriex li hemm xi waħda mill-imsemmija għanijiet, id-detenzjoni ssir waħda arbitrarja u jkun seħħ ksur tal-jedd ta' dik il-persuna li ma tiġix imċaħħda mill-ħelsien tagħha;

"Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel u tal-fatt li hekk kif twassal Malta r-rikorrent tqies bħala persuna li kellha titneħħa minn Malta, jidher li ż-żamma tiegħu kienet waħda legali (jiġifieri msejsa fuq dispożizzjoni ta' liġi) għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu minn Malta u tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni[24] u dan għaliex il-liġi domestika taħseb espressament għal din is-sitwazzjoni[25];

---

[24] Ara Q.E.D.B. **25.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) § 144

[25] Ara art. 5 u 14(2) tal-Kap 217

"Illi dwar jekk iż-żamma tar-rikorrent kenitx waħda magħmula b'bona fidi u jekk baqgħetx ukoll marbuta mal-għan oriġinali tagħha jinqalgħu dubji. F'dan il-każ, ikunu jridu jintwerew (minn min jiġġustifika d-detenzjoni) ċirkostanzi tajbin biex tali detenzjoni ma ssirx arbitrarja. Fost dawn, wieħed irid iqis jekk ir-raġuni tad-detenzjoni kenitx tabilħaqq marbuta mal-għan dikjarat, jew jekk il-post fejn il-persuna tkun inżammet kienx xieraq għall-għanijiet tar-raġuni mogħtija, jew jekk iż-żmien ta' dik iż-żamma kienx raġonevolment meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan jew kienx inqabeż;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li hekk kif ir-rikorrent ressaq it-talba tiegħu mal-awtoritajiet Maltin biex jingħata kenn f'Malta, ma setax jingħad aktar li hu kien qed jinżamm f'Malta bil-ħsieb li jitreġġa' lura mnejn kien ġie. Kif kienet il-liġi fis-seħħ dak iż-żmien, malli tressqet dik it-talba tiegħu mal-awtorita' kompetenti, ma setax jitneħħa minn Malta sakemm jintemm il-proċess biex titqies it-talba tiegħu (kemm jekk favur u kif ukoll jekk kontra). Mill-provi ħareġ li, sakemm inħeles mal-għeluq tas-sena li kien wasal f'Malta, il-proċess mitlub mir-rikorrent kien għadu għaddej u għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li r-raġuni taż-żamma tiegħu ma kellhiex x'taqsam aktar mal-ħsieb li jitneħħa minn Malta. L-intimati ma ressqu l-ebda prova li tixhed li dan il-ħsieb kien baqa' jippersisti wkoll sakemm dam għaddej tali proċess. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li r-rikorrent inħeles minħabba li kien ressaq it-talba tiegħu għall-għoti ta' kenn f'Malta, iżda minħabba li tħaddmet il-politika ('*policy*') li malli persuna tkun ilha sena miżmuma f'Ċentru ta' Detenzjoni, din tinħeles;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention*"[26]. F'dan il-każ, il-fatt li, minkejja li ressaq talba biex jingħata kenn f'Malta, ir-rikorrent inżamm fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni jqajjem ukoll element ieħor li dik iż-żamma kienet arbitrarja minħabba li ż-żmien meħud mill-awtorita' kompetenti biex tqis it-talba tiegħu kienet tmur lil hinn minn dak meqjus raġonevoli[27];

---

[26] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aden Ahmed vs Malta***(Applik. Nru. 55352/12) § 141

[27] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Suso Musa vs Malta*** (Applik. Nru. 42337/12) § 101

"Illi fid-dawl tal-fatt li għal bosta xhur wara li nbdiet il-proċedura biex jingħata kenn f'Malta, ir-rikorrent kien xorta waħda baqa' miżmum fiċ-Ċentru u kienu twaqqfu (sospiżi) l-proċeduri għat-tneħħija tiegħu minn Malta, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent jgħid sewwa li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu billi dik iż-żamma ma baqgħetx aktar taqa' fil-parametri tal-artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **jekk tħarsux il-prinċipji li r-rikorrent jingħata tagħrif** xieraq, f'waqtu u fi lsien li jifhem dwar ir-raġuni taż-żamma tiegħu. Huwa miżmum li "*Article 5§2 contains the elementary safeguard that any person arrested should know why he is being deprived of his liberty. This provision is an integral part of the scheme of protection afforded by Article 5: by virtue of paragraph 2 any person arrested must be told, in simple, non-technical language that he can understand, the essential legal and factual grounds for his arrest, so as to be able, if he sees fit, to apply to a court to challenge its lawfulness in accordance with Article 5§4. Whilst this information must be conveyed 'promptly' (in French: 'dans le plus court delai'), it need not be related in its entirety by the arresting officer at the very moment of the arrest. Whether the content and promptness of the information conveyed were sufficient is to be assessed in each case according to its special features. It also reiterates that paragraph 2 of Article 5, like paragraph 4, is applicable both to persons deprived of their liberty by arrest and to those deprived of it by detention*"[28];

"Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ li huwa minnu li r-rikorrent ingħata l-Ordni ta' Tneħħija minnufih malli tniżżel mill-bastiment li kien wasslu f'Malta u hekk kif ingħata n-numru ta' identifikazzjoni[29]. Kien ingħata wkoll librett b'tagħrif dwar jeddijiet tiegħu. Saret ukoll intervista mill-Uffiċċjali tal-Immigrazzjoni biex jinkiseb tagħrif dwaru. Dawk iċ-ċirkostanzi kienu jagħmluha ċara biżżejjed għalih biex jifhem li r-raġuni taż-żamma tiegħu kienet marbuta mad-dħul tiegħu f'Malta mingħajr permess u li t-tneħħija tiegħu minn Malta kienet sewwasew marbuta ma' din iċ-ċirkostanza[30];

"Illi, minbarra dan, intwera li r-rikorrent kien maġġorenni, kien minn żmien irawwem persuni oħrajn fi twemminhom u jmexxihom, kien jaf jitkellem bl-ingliż (u xehed quddiem il-Qorti bla ebda diffikulta' fl-ilsien ingliż) u kien jagħmilha wkoll ta' traduttur ma' persuni ġejjin minn art twelidu u pajjiżi oħrajn kulfejn kien ikun meħtieġ (magħduda l-isptar,

[28] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Suso Musa vs Malta*** (Applik. Nru. 42337/12) § 113

[29] Dokti "EMC1" u "EMC2", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess

[30] Ara Kost. **29.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Essa Maneh et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

quddiem avukati tal-għajnuna legali u wkoll fil-qorti)[31]. Xehed li ftit żmien wara l-wasla tiegħu f'Malta ltaqa' wkoll ma' rappreżentanti ta' għaqdiet non-governattivi u kien jikkollabora magħhom fir-relazzjoni tagħhom ma' immigranti oħrajn;

"Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista' jgħid li ma kienx mgħarraf biżżejjed bir-raġuni li għaliha kien inżamm detenut fiċ-Ċentru. Tqis li l-fatt li nieda proċeduri biex l-awtoritajiet jikkunsidraw jagħtuh kenn f'Malta sewwasew għaliex, fin-nuqqas, kien jibqa' bix-xabla tat-tneħħija tiegħu minn Malta mdendla fuq rasu. Dawk il-proċeduri kellu kull jedd li jagħmilhom u kienu biżżejjed biex b'dak il-mod, jibdel il-qagħda legali tiegħu f'Malta mqar sakemm l-awtoritajiet jiddeterminaw it-talba tiegħu;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu jagħtiha raġunijiet tajbin biex minnhom jirriżulta li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni;

"Illi fl-aħħarnett, il-Qorti tgħaddi biex tqis **jekk seħħx ksur tal-jedd tar-rikorrent li jinqeda bi proċeduri xierqa u fejjieda** biex awtorita' kompetenti tistħarreġ is-siwi taż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru;

"Illi l-Qorti tagħraf li s-siwi jew il-legalita' taż-żamma ta' persuna trid titqies kemm fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika u kif ukoll f'dak tal-Konvenzjoni[32]. Ir-rimedji li l-persuna jkollha għad-dispożizzjoni tagħha jridu jkunu fejjieda għall-għan li jistħarrġu l-legalita' ta' dik iż-żamma u jkunu ċert biżżejjed fl-għan tagħhom għal min jinqeda bihom. Minbarra dan, il-persuna miżmuma trid tkun tista' tinqeda mir-rimedji sa minn waqt li dik il-persuna tkun miżmuma;

"Illi l-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-intimati li l-ilment tar-rikorrent ma huwiex mistħoqq ladarba huwa nħeles mid-detenzjoni matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża. Dan jingħad għaliex illum huwa stabilit li persuna li tkun inħelset jibqagħlha xorta waħda l-jedd li tressaq ilment taħt l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jekk trid tikkontesta l-ħeffa tar-rimedju li seta' kellha biex tinqeda bih biex titlob l-istħarriġ tad-detenzjoni tagħha[33]. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent qiegħed jgħid sewwasew li ma kellux rimedju xieraq disponibbli biex jikkontesta ż-żamma tiegħu u li dan seta' jitwettaq fi żmien raġonevoli;

[31] Xhieda tiegħu f'paġġ. 188 u 193 tal-proċess

[32] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Mikalauskas vs Malta*** (Appli. Nru. 4458/10) § 89

[33] Ara Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aden Ahmed vs Malta*** (Applik. Nru. 55352/12) § 105

"Illi qies tajjeb biex wieħed jara jekk tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi sub-artikolu irid jirriżulta li r-rimedju mogħti lill-persuna miżmuma jkun wieħed wiesa' biżżejjed biex il-qorti jew l-awtorita' li tisma' l-ilment tkun tista' tqis jekk dik iż-żamma tkunx qiegħda ssir b'mod legali[34]. Ingħad li dak is-sub-artikolu jirreferi għal "*domestic remedies that are sufficiently certain, otherwise the requirements of accessibility and effectiveness are not fulfilled. The remedies must be made available during a person's detention with a view to that person obtaining a speedy judicial review of the lawfulness of his or her detention capable of leading, where appropriate, to his or her release. Indeed, Article 5§4, in guaranteeing arrested or detained persons a right to bring proceedings to challenge the lawfulness of their detention, also proclaims their right, following the institution of such proceedings, to a speedy judicial decision concerning the lawfulness of that detention*"[35];

"Illi madankollu, meta wieħed jifli x'kienu r-rimedji li r-rikorrent seta' jinqeda bihom (u li l-intimati semmew meta qajmu l-eċċezzjoni preliminari li dwarha din il-Qorti tat is-sentenza preliminari tagħha f'din il-kawża), wieħed minnufih isib li r-rikorrent u persuni oħra fl-istess ilma ma kellhomx rimedju ċert, ċar u effettiv li bih kull wieħed minnhom seta' jitlob l-istħarriġ tal-legalita' taż-żamma tiegħu jew li dan seta' jsir fi żmien raġonevoli qabel ma l-persuna tkun inħelset mid-detenzjoni[36]. Dwar din il-qagħda kien hemm numru ta' sentenzi li stħarrġu l-pożizzjoni f'Malta ta' persuni fil-qagħda li kien jinsab fiha r-rikorrent[37] u ma jidhrilhiex li għandha ttawwal wisq fuq din il-ħaġa;

"Illi mill-provi f'din il-kawża ħareġ li l-proċeduri li tnedew mir-rikorrent lanqas kienu għadhom qabżu l-istadju preliminari sa dakinhar li nħeles. Minbarra dan, ma ntwera bl-ebda mod li, ukoll kieku l-proċeduri għat-talba tiegħu li jingħata kenn f'Malta ntemmu fi żmien qasir, kien sejjer jitkompla l-proċess għat-tneħħija tar-rikorrent minn Malta. Kien jaqa' fuq l-intimati d-dmir li jippruvaw dan;

---

[34] Q.E.D.B. **27.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Louled Massoud vs Malta*** (Applik. Nru. 24340/08) § 39

[35] Q.E.D.B. **9.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kadem vs Malta*** (Applik. Nru. 55263/00) § 41

[36] Q.E.D.B. **5.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Frasik vs Polonja*** (Applik. Nru. 22933/02) § 66

[37] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 115 – 122 ; u Q.E.D.B. **3.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdi Mahamud vs Malta*** (Applik. Nru. 56796/13) §§ 104 – 111 (żewġ każijiet li kienu jirrigwardaw rifuġjati miżmuma fl-istess Ċentru li fih kien miżmum ir-rikorrent)

"Illi meta tqis dawn il-konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-fatti li tressqu quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent għandu raġun jilmenta bi ksur tal-jedd tiegħu taħt din il-kawżali billi ma setax jinqeda b'rimedju effettiv biex il-legalita' taż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru tkun mistħarrġa u li dan isir fi żmien raġonevoli;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent taha raġunijiet tajbin biżżejjed biex issib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għall-ħarsien minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u għalhekk sejra tilqa' l-ewwel talba tiegħu;

"Illi minħabba li l-Qorti waslet għal din il-fehma, isegwi li r-rikorrent jistħoqqlu li jingħata kumpens minħabba fiż-żamma tiegħu fiċ-Ċentru bi ksur tal-jedd tiegħu. Dan l-effett jidher li huwa wieħed awtomatiku mas-sejbien innifsu tal-ksur li jkun seħħ u l-liġi żżid tgħid ukoll li l-kumpens ikun wieħed "esegwibbli" li jfisser li għandu jkun realiżżabbli b'mod konkret għall-benefiċċju tal-persuna li tkun ġarrbet tali ksur u huwa meqjus bħala jedd konsegwenzjali awtomatiku li dik il-persuna jingħatalha kontra min ikun hekk kisirlu l-jedd għal-liberta' tiegħu[38];

"Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u fittxet ukoll li tqabbel dawk iċ-ċirkostanzi ma' każijiet oħrajn li jixxiebhu, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent jistħoqqlu jingħata b'kumpens għad-danni morali mġarrbin minnu minħabba l-ksur tal-imsemmi jedd fundamentali tiegħu s-somma ta' sitt elef euro (€ 6,000). Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova ta' xi danni materjali li dwarhom kien qiegħed jippretendi wkoll li jingħata kumpens;

"Illi l-Qorti sejra issa tqis l-**ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti**. Huwa jibni l-każ tiegħu kemm fuq l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-aspett tal-imsemmija żewġ artikoli flimkien, u tqishom fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi mressqin mill-partijiet u mill-kostatazzjonijiet li setgħet tagħmel il-Qorti meta aċċediet fiċ-Ċentru in kwestjoni;

"Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

[38] Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Zwaak *op. cit.*, § 9.8 f'paġ. 508

"Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[39]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[40]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita' u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita' li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

"Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case.*"[41] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[42], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[43];

"Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament

---

[39] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke <u>The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports</u> (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117

[40] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

[41] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>Law of the European Convention of Human Rights</u>, paġġ. 80 - 1

[42] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[43] K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u> (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

u tal-każ li fih ikun iġġarrab[44], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[45];

"Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati*[46]*, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita*"'[47], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[48]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[49];

"Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita'[50] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[51]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[52];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[53]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[54].

---

[44] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)

[45] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)

[46] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni

[47] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)

[48] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2

[49] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**

[50] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)

[51] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[52] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415

[53] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111

Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[55];

"Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta' u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[56]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[57];

"Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilita' korrettiva[58] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[59], bħalma huwa l-każ tar-rikorrent f'din il-kawża tal-lum;

"Illi mill-provi mressqin matul is-smigħ tal-kawża, ħareġ li fiż-żmien li r-rikorrent inżamm fiċ-Ċentru kienet għaddejja mewġa qawwija ta' wasliet f'Malta ta' immigranti mill-Afrika. Fil-kwartieri li fihom ittieħed kien hemm problema ta' iffullar ta' persuni miżmuma u li t-tmexxija tal-istess kumpless kellha titħabat biex trażżan l-effetti ta' dawn il-wasliet u tlaħħaq mal-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni miżmuma. Dan qiegħed jingħad biex ifisser il-qafas ta' rejalta' li tixhed il-piż li ntefa' fuq l-Istat biex ilaħħaq ma' tali fenomenu u fl-istess waqt jassigura ż-żamma tas-sigurta' pubblika. Imma dan ma kienx raġuni tajba biżżejjed biex

---

[54] Ara M. Schiavone (Ed.) <u>When Judges Dissent</u> (2008), f'paġġ. 241 – 3

[55] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338

[56] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***

[57] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***

[58] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126

[59] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9; Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83; u Q.E.D.B. **22.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdullah Elmi et vs Malta*** (Applik. Nru. 25794/13) §§ 99 – 110

persuni bħar-rikorrent ma jingħatawx trattament li jħares id-dinjita' tagħhom jew li jumiljahom;

"Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrent jgħid li filwaqt li jagħraf li mhux kull trattament marbut ma' detenzjoni jwassal biex jitqies bħala trattament inuman, degradanti jew tortura, madankollu l-kundizzjonijiet li nżamm fihom matul iż-żmien li kien fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni kienu jwasslu għall-ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Huwa jgħid li dan joħroġ kemm dwar il-kundizzjonijiet ebsin li kien isib ma' wiċċu fiċ-Ċentru, u kif ukoll dwar l-imġiba tal-awtoritajiet fil-konfront tiegħu;

"Illi dwar il-kundizzjonijiet in ġenerali fiċ-Ċentru, ir-rikorrent jgħid li biċċa miż-żmien li qatta' miżmum kellu joqgħod fit-taqsima tat-tined fejn il-kundizzjonijiet kienu agħar minn dawk meta kien miżmum fil-bini. Dawk il-kundizzjonijiet ukoll kienu mill-agħar. Huwa jsensel lista ta' nuqqasijiet li jolqtu mill-provvisti sal-kundizzjonijiet ambjentali li fihom kellu jgħix u jqatta' l-jum u x'kien jitħalla jagħmel jew ma jagħmilx mit-tmexxija taċ-Ċentru. Huwa jtenni li dawn il-kundizzjonijiet kienu jiksru l-kriterji l-iżjed bażiċi stabiliti minn *standards* internazzjonali u li dwarhom kien tqajjem tħassib dwar il-kundizzjonijiet taċ-Ċentru jew ta' ċentri oħrajn f'Malta f'dak iż-żmien[60];

"Illi dwar it-trattament li ngħata jitkellem dwar il-ħtiġijiet mediċi tiegħu u n-nuqqas ta' attenzjoni mogħtija u dwar kif kien ikun mgħajjar minn gwardjani jew nies li kienu mqabbdin biex iżommu l-ordni fiċ-Ċentru;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li r-rikorrent qatt ma nżamm maqful b'kastig u lanqas inżamm maqful waħdu. Jisħqu li l-ambjenti fejn inżammu l-persuni kienu jaqdu l-ħtiġijiet essenzjali tagħhom u l-istess seta' jingħad għal ħwejjeġ oħra bħal disponibilita' ta' trattament mediku u faċilitajiet, filwaqt li tennew li dan kollu kien isir minkejja ċ-ċirkostanzi ta' għadd kbir ta' persuni li kienu jidħlu Malta b'mod irregolari, in-nefqa kbira li ż-żamma tagħhom iġġib magħha u li tintrefa' mill-Gvern u l-ħsarat li l-istess nies kienu jagħmlu fil-faċilitajiet maħsubin għall-użu tagħhom;

"Illi l-Qorti tqis li r-rikorrent, minbarra l-ilmenti li qajjem dwar nuqqas ta' faċilitajiet u ta' wisgħa, semma wkoll kif kien iġarrab tgħajjir[61] minn gwardjani, u li kien jinżamm manettjat meta kien jinħareġ miċ-Ċentru mqar biex jagħti għajnuna ta' servizz ta' traduzzjoni jew meta jmur l-isptar[62]. Semma wkoll kif, minkejja li kellu żewġ *bullets* inkastrati wieħed f'kull riġel wara li ndarab meta kien qed jaħrab minn pajjiżu, ma kienx ingħata l-għajnuna medika meħtieġa u nżamm jistenna

---

[60] Ara Dokti "A" sa "I", f'paġġ. 207 sa 313 tal-proċess

[61] Xhieda tiegħu f'paġ. 184 tal-proċess

[62] Xhieda tiegħu f'paġ. 188 tal-proċess

żmien twil biex ingħata appuntament biex isirlu eżami mediku[63]. Ir-rikorrent isemmi wkoll it-tħaddim ta' miżuri dixxiplinari arbitrarji, b'nies jinżammu maqfula f'ċellola żgħira ta' isolament, u każijiet ta' persuni miżmuma flimkien minkejja li milquta minn mard li jittieħed. Huwa lmenta wkoll min-nuqqas sħiħ ta' faċilitajiet fejn hu seta' jinġabar fit-talb jew jiġbor u jmexxi 'l oħrajn fit-talb. Xhieda mressqin minnu xehdu wkoll fuq il-kundizzjonijiet ħżiena fiċ-Ċentru[64], dwar it-tlibbis tal-manetti[65] u dwar s-swat ta' residenti mill-personal imqabbad biex jissorveljahom[66];

"Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati ressqu xhieda biex juru li dak li jilminta minnu r-rikorrent ma kienx minnu u jrid jitqies fil-qafas ta' ambjenti fejn għadd kbir ta' persuni ma jafux lil xulxin u lkoll milquta mit-tiġrib ta' vjaġġ twil, isibu rwieħhom f'daqqa f'ambjent limitat ma' nies oħrajn ta' xejriet u kulturi differenti. Jisħqu li r-rikorrent iressaq xhieda li fiha ma kienx imdaħħal direttament u għalhekk ma tiswilux biex tipprova li hu tabilħaqq ġarrab trattament disuman jew degradanti;

"Illi wħud miċ-ċirkostanzi ambjentali taċ-Ċentru l-Qorti setgħet tarahom meta aċċediet f'bosta bnadi taċ-Ċentru;

"Illi l-Qorti tqis li f'ċirkostanzi fejn persuna tkun waslet f'Malta b'mod irregolari u mbagħad tittieħed b'detenzjoni f'Ċentru, ma jistax jonqos li persuna bħal dik li tkun għamlet vjaġġ iebes u perikoluż b'riskju effettiv għal saħħitha jew saħansitra għal ħajjitha, ma tibdiex tara ż-żamma tagħha bħala t-tkissir tal-ħolma tal-ħarba mill-għawġ u l-kisba ta' ħelsien f'art oħra. Dan jiġri wkoll jekk titqiegħed f'kundizzjonijiet li jidhru aħjar minn dawk li kienet fihom jew kienet tgawdi minnhom f'art twelidha jew sakemm għamlet il-vjaġġ li wassalha f'Malta. Ma jonqosx ukoll li x-xewqa li dik il-persuna tingħata kenn fil-pajjiż li tasal fih ma jqajjimx fiha sens ta' dieqa, frustrazzjoni u inċertezza x'ħin issib ruħha miżmuma ma' oħrajn f'ambjent magħluq u suġġetta għal proċess ta' skrutinju;

"Illi ingħad li "*cases concerning allegations of inadequate conditions of detention do not lend themselves to a rigorous application of the principle affirmanti incumbit probatio (he who alleges something must prove the allegation) because in such instances the respondent Government alone have access to information capable of corroborating or refuting these allegations. .. .. Still, in such cases applicants may well be expected to submit at least a detailed account of the facts complained of and provide – to the greatest possible*

[63] Xhieda tiegħu f'paġ. 194 tal-proċess

[64] Xhieda ta' Baraki Araye Gebremeskil f'paġġ. 356 – 7 tal-proċess

[65] Xhieda ta' Fr Paul Paċe f'paġ. 327 tal-proċess

[66] Xhieda ta' Dr Greta Apap f'paġ. 426 tal-proċess

*extent – some evidence in support of their complaints. However, after the Court has given notice of the applicant's complaint to the Government, the burden is on the latter to collect and produce relevant documents. A failure on their part to submit convincing evidence on material conditions of detention may give rise to the drawing of inferences as to the well-foundedness of the applicant's allegations*"[67];

"Illi l-Qorti tqis li, biex jirribattu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar il-kundizzjonijiet ta' rassa u faċilitajiet fiċ-Ċentru, l-intimati ġabu provi biex iqiegħdu f'kuntest dawk l-ilmenti u jindirizzaw ċerti allegazzjonijiet magħmulin mill-istess rikorrent. Il-Qorti tqis ukoll li, fiż-żmien li r-rikorrent kien miżmum fiċ-Ċentru, kien sar xi titjib fl-ambjenti fejn kienu joqogħdu l-persuni miżmuma, għalkemm kellhom jgħaddu aktar snin qabel ma l-qagħda tjiebet aktar. Il-Qorti tagħraf ukoll li, minkejja li saru sforzi biex il-post jinżamm f'qagħda funzjonali, kienet issir ħafna ħsara mill-istess residenti u jidher li ċerta telqa li kien hemm fil-post kienet ir-riżultat ta' użu ħażin mill-faċilita'. Il-Qorti għandha wkoll quddiem għajnejha ċerti ħsarat f'bibien jew aperturi u fis-sistema tad-dawl elettriku jew għamara li jixhdu użu ħażin jew vandaliżmu. Issemmi wkoll ir-rimi 'l hawn u 'l hinn ta' ikel imqassam u mhux kunsmat;

"Illi dwar l-imġiba fil-konfront tal-persuna tar-rikorrent ma jirriżultax li r-rikorrent qatt kien imsawwat jew tħaddmu bi ħsara għalih xi miżuri dixxiplinari li wasslu biex kien miżmum f'iżolament. Dwar l-għoti ta' kura u attenzjoni medika lir-rikorrent, ma jistax jingħad li din kienet nieqsa. In-nuqqas waħdu ta' għoti ta' għajnuna medika lil persuna detenuta ma taqax taħt l-aspett tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, sakemm ma ġġibx fil-persuna ħsara attwali fiżika jew mentali jew tkun tista' tevita tbatija u wġigħ ta' ċerta intensita'[68]. Fil-każ taċ-Ċentru, ukoll matul iż-żmien li r-rikorrent kien għadu miżmum hemmhekk, kien inbeda servizz ta' attendenza regolari ta' tabib u infermieri b'servizz privat u fuq il-post[69]: dan kien jiffaċilita attenzjoni aktar f'waqtha u, jekk meħtieġ, mod imtejjeb biex pazjent li kellu bżonn ta' aktar kura speċjalizzata seta' jintbagħat l-isptar b'riferenza diretta u iżjed malajr milli kien isir qabel, meta dan kien jitħalla f'idejn il-personal imqabbad biex jissorvelja lill-persuni fiċ-Ċentru. Il-Qorti tinnota li dan l-arranġament fiċ-Ċentru fejn kien miżmum ir-rikorrent tqies bħala wieħed raġonevoli, minkejja li dejjem hemm lok ta' titjib[70];

---

[67] Q.E.D.B. **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Gubin vs Russja*** (Applik. Nru. 8217/04) § 56

[68] Q.E.D.B. **27.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Lebedev vs Russja*** (Applik. Nru. 13772/05) § 176

[69] Xhieda ta' Dr Greta Apap f'paġġ. 415 – 7 tal-proċess

[70] Ara Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) § 95

> "Illi meta qieset dawn iċ-ċirkostanzi kollha u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jirrigwardaw il-każ, il-Qorti ma sabitx li l-ġabra ta' ċirkostanzi li dwarhom jilmenta r-rikorrent twassal biex issib li t-trattament li ngħata kien hekk gravi jew serju li jikkwalifika bħala trattament disuman jew degradanti għall-finijiet tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni;
>
> "Illi minħabba f'hekk, it-tieni talba tar-rikorrent mhix sejra tintlaqa';
>
> "Illi għar-rigward tat-**tielet talba** l-fatt li r-rikorrent inħeles waqt li l-kawża kienet għadha fi stadju tal-ġbir tal-provi naqqas ħafna minn dak li l-Qorti ntalbet tirrimedja. Mill-bqija, safejn sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li jgawdi l-jedd tiegħu għall-ħelsien, diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha u sejra tipprovdi fil-parti dispożittiva tas-sentenza".

L-Appell

5. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors ipprezentat fid-29 ta' Marzu 2017, fejn talab illi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha fil-parti fejn laqghet l-ewwel talba tieghu u (ii) tirrevokaha fil-parti fejn cahdet it-tieni talba tieghu u minflok tilqa' l-istess talba, (iii) kif ukoll tvarja d-decizjoni taghha dwar it-tielet talba billi taghti kumpens iktar adegwat in vista tal-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati, u dan fid-dawl tal-aggravji minnu mressqa fir-rikors tal-appell tieghu.

6. L-aggravji tar-rikorrent jikkonsistu, fil-qosor, fis-segwenti:- (i) skont l-appellanti, huwa rnexxielu jipprova li huwa soffra trattament inuman u

degradanti b'mod oggettiv u konsegwentement l-osservazzjonijiet u konkluzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma humiex korretti; (ii) ir-rikorrent jilmenta wkoll illi ma gewx lezi l-kumpens illikwidat in linea ta' rimedju huwa baxx wisq u jimmerita li jigi awmentat f'kaz illi l-ewwel aggravju tieghu jigi milqugh.

7. Ghal dan l-appell, l-intimati pprezentaw risposta fis-6 ta' April 2017 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huma sostnew illi l-appell tar-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u talbu illi dan ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-Aggravji

8. L-aggravji tar-rikorrent li fuqhom ibbaza l-appell tieghu, huma marbutin ma' xulxin, inkwantu t-tieni aggravju jiddependi mill-akkolijment tal-ewwel wiehed, u wkoll l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-fatti u provi mressqa quddiemha, meqjusa fil-kuntest tal-allegat trattament inuman u degradanti li r-rikorrent jghid li sofra waqt li kien qed jinzamm taht detenzjoni fic-Centru ta' Detenzjoni.

*L-Ewwel Aggravju*

9. Ir-rikorrent jilmenta b'mod partikolari mill-fatt illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-kondizzjonijiet li fihom kien jghix waqt il-perijodu

ta' detenzjoni tieghu, fejn ghamel disa' xhur mizmum gewwa Zona B ta' Hermes Block, Lyster Barracks u tliet xhur ohra detenut fit-Tent Compound fl-istess kwartieri, kif ukoll naqset li tapprezza l-effetti li dawn il-kondizzjonijiet kellhom fuqu, meta dawn jigu kkonsidrati fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fid-diversi linji gwida internazzjoniali fosthom CPT Standards kif ukoll fil-kazistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Qorti Ewropea]. Dawn kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li kien hemm ksur tal-Artikoli minnu citati fir-rikors tieghu.

10. Skont ir-rikorrent, l-ewwel Qorti kellha tqis f'dan ir-rigward il-konsiderazzjonijiet riportati fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet **Aden Ahmed v. Malta**[71] u **Abdullahi Elmi and others v. Malta**[72] dwar il-ksur tal-Artikolu 3, liema sentenzi jittrattaw id-detenzjoni ta' immigranti gewwa l-istess Centri ta' Detenzjoni f'Malta f'cirkostanzi li, skont ir-rikorrent, huma analogi ghac-cirkostanzi vigenti fil-kaz tieghu.

11. Ir-rikorrent jilmenta wkoll specifikatament, mis-segwenti kondizzjonijiet, liema ilmenti kien elenkahom waqt ix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti u gew ribaditi fir-rikors tal-appell tieghu:- l-iffullar u n-nuqqas ta' spazju, in-nuqqas ta' facilitajiet sanitarji u d-diffikoltajiet fiz-zamma ta' ndafa kagun tan-numru kbir ta' immigranti detenuti fic-centru, in-nuqqas ta' access ghall-arja u ghal komunikazzjoni, nuqqas

[71] Application 55253/12

[72] Application 25794/13.

ta' informazzjoni, nuqqas ta' rispett u abbuz verbali da parti ta' whud mill-membri tal-istaff, nuqqas ta' manutenzjoni tac-centru, kif ukoll nuqqas ta' access ghal servizzi medici.

12. Kif inhuwa pacifikament akkolt, bhala regola, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti fl-evalwazzjoni taghha tal-provi mressqa quddiemha u mismugha viva voce minnha jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. F'dan ir-rigward, din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Pace v. Camela Borg**, 18 Lulju 2017, gie osservat hekk:-

> "………. li inkwantu l-aggravji tal-attrici huma ccentrati fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, jkun opportun illi jigi ribadit illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta l-apprezament tal-provijtkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji [App.C. Emanuel Cardona et vs Dr Graham Busuttil et 10/01/1995]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" [App.C. Paul Formosa vs Salvu Debono deciza 5/10/2001]."
>
> "Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-akta recenti u kostanti fil-materia." [*App. Attard v Direttur tas-Sahha, 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S Joseph John Parnis vs Mary Parnis, 31 Ottubru 2014*".

13. Ir-rikorrent flimkien ma' u in sostenn tal-appell tieghu, esebixxa erba' dokumenti[73] konsistenti f'rapporti mhejjija minn organizzazzjonijiet internazzjonali riferibbilment ghall-kondizzjonijiet ta' immigranti fic-Centri ta' Detenzjoni gewwa Malta u, billi l-intimati ma sollevaw l-ebda oggezzjoni ghall-prezentata ta' dawn id-dokumenti f'dan l-istadju ta' appell, il-Qorti sejra wkoll tqishom fil-konsiderazzjonijiet taghha.

14. Il-Qorti fliet dawn ir-rapporti bir-reqqa u hadet konjizzjoni tar-rizultanzi taghhom fil-kuntest ta' dan l-appell imressaq mir-rikorrent. Madanakollu, jigi osservat f'dan l-istadju li din il-Qorti ma thossx li tista' tistrieh u lanqas b'mod preponderanti fuq dawn ir-rapporti, mhux biss ghaliex huwa evidenti li dawn ir-rapporti jirreferu ghal perijodu differenti[74], ossia iktar minn sena u oltre wara li l-appellanti kien inheles mic-Centru ta' Detenzjoni in dezamina, izda wkoll ghaliex fil-kaz odjern l-ewwel Qorti semghet quddiemha x-xhieda viva voce u wkoll zammet access[75] fuq il-lok ossia f'Hermes Block gewwa Lyster Barracks, fejn ikkonstatat direttament hija stess, l-aspetti ambjentali u l-kondizzjonijiet tal-post tad-detenzjoni tal-appellanti fid-dawl tal-allegazzjonijiet li ghamel l-appellanti fil-kors ta' dawn il-proceduri.

---

[73] Dok A, Dok, B, Dok C u Dok D – a fol. 695 sa 881 tal-process.

[74] Fir-rigward ta' Dok A anness mar-rikors ta' l-appell, jirrizulta li l-fatti rapportati jirreferu in kwantu ghal Lyster Barracks ghas-sitwazzjoni li nstabet fi Frar 2009. Ara fol. 704. In kwantu ghal Dok C anness mar-rikors ta' l-appell, jidher li l-ispezzjoni ta' Hermes Block B, li fuqha gew ibbazati l-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport, saret bejn id-19 u 26 ta' Mejju 2008.

[75] Fit-12 ta' Marzu 2008

15. Barra minn hekk, huwa pacifiku, kif tajjeb irrikonoxxa wkoll ir-rikorrent fl-appell tieghu, illi apparti li tiehu konjizzjoni ta' standards u linji gwida stabbiliti f'dokumenti ufficjali, din il-Qorti trid tezamina dawn fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

16. Ferm il-premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tanalizza l-aggravju tar-rikorrent inkwantu bazat fuq l-apprezzament, fil-fehma tieghu skorretta, maghmul mill-ewwel Qorti tal-provi li ghandha quddiemha. Qabel xejn pero`, ikun siewi li jigu analizzati d-drittijiet sanciti mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali formanti l-bazi legali tat-talbiet dedotti fir-rikors promotur inkwantu relatati mad-dritt fundamentali illi l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.

17. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw xejriet differenti ta' imgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta' severita`, wiehed ikbar mill-iehor. Dan qed jinghad ghax, filwaqt li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex it-

tortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal-anqas ghal trattament inuman u degradanti.[76]

18. Fil-kaz **Anayev v. Russia**, il-Qorti Ewropea qalet hekk b'referenza ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni specifikatament fil-kuntest ta' cirkostanzi fejn ikun hemm restrizzjoni fuq il-helsien tal-individwu:-

> "The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of a democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim's behaviour (see, for example, Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 119, ECHR 2000-IV)".

19. F'din l-istess sentenza, il-Qorti Ewropea analizzat fil-fond il-kuncett ta' "ill-treatment" li jekk jigi ravvizat, ikun leziv ghad-dritt sancit mill-Artikolu 3:-

> "Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, 18 January 1978, § 162, Series A no. 25).
>
> "Ill-treatment that attains such a minimum level of severity usually involves actual bodily injury or intense physical or mental suffering. However, even in the absence of these, where treatment humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for or diminishing his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance, it may be characterised as degrading and also fall within the prohibition

[76] App.S.19/11 Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Habs, 31/10/2014

of Article 3 (see Pretty v. the United Kingdom, no. 2346/02, § 52, ECHR 2002-III, with further references).

“In the context of deprivation of liberty the Court has consistently stressed that, to fall under Article 3, the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering and humiliation connected with the detention. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (see Kudła, cited above, §§ 92-94, and Popov v. Russia, no. 26853/04, § 208, 13 July 2006).

“When assessing conditions of detention, account has to be taken of the cumulative effects of these conditions, as well as of specific allegations made by the applicant (see Dougoz v. Greece, no. 40907/98, § 46, ECHR 2001-II). The length of the period during which a person is detained in the particular conditions also has to be considered (see, among other authorities, Alver v. Estonia, no. 64812/01, 8 November 2005)”. [Sottolinejar ta’ din il-Qorti]

20. Barra minn hekk, dik l-istess Qorti, fil-kaz fl-ismijiet **Aden Ahmed v. Malta**[77], tenniet is-segwenti:-

“The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Furthermore, in considering whether treatment is “degrading” within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see Riad and Idiab v. Belgium, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008)[78]”. [Sottolinejar ta’ din il-Qorti]

[77] Deciza fit-23 ta’ Lulju 2013.

21. Dawn il-principji gew identifikati wkoll, u ribaditi, fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali**[79], u dan fis-sens li gej:-

> "Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jehtieg li dak it-trattament jilhaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tieghu huwa necessarjament wiehed relattiv li jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz bhan-natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fizici u morali, u f'certi cirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta` u stat ta' sahha tal-vittma. B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 msemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni necessarjament allaccjati ma' xi forma partikolari ta' trattament legittimu jew piena. Mizuri li jnehhu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bhal dawk imsemmija izda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' mizura legittima ma ghandhiex tassoggetta lill-persuna ghal tbatija ta' intensita` tali li teccedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-mizura.
>
> "Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaguna lill-persuna sofferenza fizika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu.
>
> "Dak li imbaghad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tigi inflitta fit-tortura karatterizzata b'ghemil deliberat li jikkaguna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza ikkagunata, element iehor li gie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tigi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preciz bhal li tigi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd".

22. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz tar-rikorrent odjern, din il-Qorti, fil-qies tal-aggravju tar-rikorrent fl-appell tieghu, sejra

[79] Q. K. Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et., deciza 5/4/2013

tanalizza l-mertu tal-ilmenti tar-rikorrent u l-apprezzament relattiv li sar mill-ewwel Qorti.

*Il-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fic-Centru tad-Detenzjoni*

23. Ir-rikorrent fid-depozizzjoni tieghu jilmenta illi d-dormitorji fihom diversi sodod u ftit li xejn hemm spazju bejniethom. Jilmenta wkoll bl-iffullar anke tal-common area, li skont hu ma hijiex sufficjentement imdaqqsa biex takkomoda n-numru ta' immigranti detenuti fiz-Zona tieghu, u jghid li bosta mid-detenuti kienu jispiccaw jieklu l-ikel taghhom fuq is-sodda.

24. Din il-Qorti tosserva li, kif del resto gie inevitabbilment stabbilit ukoll mill-ewwel Qorti fil-*verbal*[80] tal-access minnha mizmum gewwa Zona B ta' Hermes Block fejn kien jinzamm ir-rikorrent waqt il-perijodu ta' detenzjoni tieghu, jirrizulta mill-kumpless tal-provi kollha migjuba illi din iz-zona hija munita b'diversi dormitorji, hamsa b'kollox, *common area*, kmamar ghat-talb u servizzi religjuzi, u kmamar bis-servizzi sanitarji. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll li Hermes Block igawdi wkoll minn *recreation area*.

---

[80] A fol. 519 *et seq*.

25. B’referenza ghal Dok H (Report by the Libe Committee Delegation) li sar wara vizta lic-Centru ta’ Lyster Barracks f’Marzu 2006, cioe` ftit xhur qabel il-wasla tar-rikorrent f’Malta, jidher li l-kondizzjonijiet marru ghall-ahjar stante li l-irgiel, nisa u familji bdew jigu akkomodati f’zoni differenti. Dan gie konfermat ukoll minn Lt. Col. Brian Gatt[81] meta xehed li Hermes Block gie maqsum f’zoni differenti biex jakkomodaw familji, nisa u rgiel, u di piu` ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-access ta’ kull detentut minn parti ghal ohra tal-imsemmi Block, b’mod li kull detenut huwa liberu wkoll illi jaghzel is-sodda u l-ispazju fejn iqieghed is-sodda tieghu purche` dawn ma jkunux altrimenti okkupati.[82]

26. Jidher evidenti ghalhekk illi l-allegazzjonijet li ghamel ir-rikorrent dwar iffullar fiz-Zona B fejn kien qed jinzamm gewwa Hermes Block, ma gewx sorretti la mix-xhieda prodotti in prim’istanza u lanqas mill-konkluzjonijiet tar-rapporti esebiti mir-rikorrent flimkien ma’ l-appell tieghu. Fl-appell tieghu l-appellant jghid illi kien hemm problema ta’ iffullar fiz-Zona fejn kien qed jinzamm, izda skont Dok NHA esebit quddiem l-ewwel Qorti[83], jirrizulta inekwivokabbilment illi ma kien hemm ebda zmien waqt il-perijodu ta’ detenzjoni meta n-numru ta’ detenuti

[81] Fix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju 2007.

[82] Dan jirrizulta anke mix-xhieda bl-affidavit ta’ Lt. Neil Hampton, li jikkonferma ulterjorment illi fil-perijodu ta’ detenzjoni ta’ l-appellanti, 39 ruh biss kienu qeghdin jokkupaw din iz-Zona li tesa’ kapacita` ta’ mitt ruh.

[83] A fol. 540

ecceda l-kapacita` massima (ta' mitt ruh) taz-Zona B gewwa Hermes Block anke fiz-zmien meta ma kienx hemm segregazzjoni fizika bejn Zona B u Zona C. Ghalhekk il-konkluzoni tal-ewwel Qorti illi ma setax kien hemm l-iffullar deskritt mir-rikorrent tirrizulta korretta.

27. Barra minn hekk, b'referenza ghar-rapport Dok C (pagna 20)[84] esebit mar-rikors tal-appell, jirrizulta wkoll illi lanqas fiz-zmien li fih saret l-ispezzjoni li abbazi taghha gie mhejji dan l-istess rapport, ma kien hemm iffullar f'Zona B ta' Hermes Block, stante li jirrizulta li kien hemm biss 23 ragel akkomodati fid-dormitorji. Anke Dok A esebit mir-rikorrent stess ("Rapport lill-Gvern dwar Zjara mis-CPT f'Malta f'Jannar 2004")[85] ma jaghtix deskrizzjoni kompletament sfavorevoli tal-kwartieri gewwa Lyster Barracks inkwantu ghall-allegazzjoni ta' iffullar; testwament dan ir-rapport jghid li: "*The 16 dormitories were spacious, had good access to natural and artificial light and were well-ventilated; however bedding was worn out and the sanitary facilities were in a depolorable state of cleanliness*".

28. Skont ir-rikorrent l-access tieghu ghall-arja miftuha u rikrejazzjoni gewwa l-courtyard (*recreation area*) ta' Hermes Block, kien limitat ghal

[84] A fol. 773

[85] F'pagni 19 u 20, a fol. 217 u 218.

siegha kull darba, darbtejn fil-gimgha.[86] Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm qed jigi rikonoxxut illi din il-koncessjoni hija 'l boghod mill-istandards internazzjonali bazici ghal dak li jirrigwarda access ta' detenuti ghall-arja, jirrizulta wkoll illi fil-perijodu ta' tliet xhur li r-rikorrent kien gie akkomodat gewwa t-*tent compound*, ma kien hemm ebda limitazzjoni tal-hin li seta' jqatta' barra fl-arja aperta[87]. Dr Greta Apap li kienet assenjata bhala tabib gewwa l-klinika f'Lyster Barracks fil-perijodu relattiv, "*They [id-detenuti] play football every day, almost*".[88]

29. Barra minn hekk, jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Gatt illi din il-limitazzjoni fil-hin tal-access kienet mizura temporanja biss li kienet tiddependi min-numri ta' immigrant li jidhlu fic-Centru. Infatti, mir-rapport Dok D esebit mir-rikorrent mar-rikors tal-appell, jidher illi din il-limitazzjoni tnehhiet stante li gie rapportat illi gewwa Lyster Barracks, id-detenuti jinghataw saghtejn kuljum ta' rikrejazzjoni.[89]

30. L-allegazzjoni tar-rikorrent li tnax-il ruh biss joqghodu fil-common area, ukoll hija kontradetta mix-xhieda. Jirrizulta mix-xhieda in kontro-ezami ta' Lt. Col. Brian Gatt, illi kien hemm istanzi fejn kienu d-detenuti

[86] Minn ezami ta' l-atti jirrizulta li r-*recreation area* gewwa Lyster Barracks, hija ta' daqs sufficjenti biex takkomoda l-immigranti detenuti f'Hermes Block u jidher li din tintuza wkoll biex jintlaghbu *basketball* u *football*. Dan ma gie kontradett bl-ebda mod.

[87] Xhieda ta' Col. Brian Gatt a fol. 164.

[88] Fol 420

[89] Dok D, a fol. 863.

stess li ghazlu li jmexxu s-sodod taghhom minn god-dormitorji ghall-kurituri. Finalment, in vista tal-fatt illi n-numru ta' immigranti detenuti fiz-Zona inkwistjoni fil-perijodu in dezamina kien ferm inqas mill-kapacita` massima, ma jistax jigi validament konkluz illi kien hemm problema ta' iffullar b'mod li jista' jitqies bhala vjolazzjoni tal-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali fuq indikati.

*Access ghal komunikazzjoni*

31. Gie stabbilit fid-dokumenti pprezentati mill-appellanti sew in prim'istanza kif ukoll mal-appell tieghu, illi effettivament ma kienx hemm limitu fin-numru ta' ittri li d-detenuti setghu jibghatu barra mic-Centru u barra minn Malta (bl-ispejjez relattivi jkunu a kariku tal-istat), ghalkemm huwa minnu li ma jidhirx illi kien hemm servizz ta' impustar provdut mill-intimati jew mill-istat, gewwa c-Centru. Jirrizulta infatti illi l-impustar tal-ittri tad-detenuti kien isir minn volontiera.[90]

32. Lanqas jidher li kien hemm limitu fin-numru ta' viziti li setghu jircievu d-detentuti minn hbieb jew qraba waqt il-weekends, jew limitazzjoni fl-access ghac-Centru minn rapprezentanti ta' NGOs.[91] Jirrizulta wkoll li l-immigranti jinghataw *telephone cards* b'xejn kif ikoll

[90] Fl-udjenza ta' l-24 ta' Mejju 2007, l-appellanti nnifsu jirrikonoxxi illi huwa ma kienx jibghat ittri bil-posta mhux ghaliex ma kienx hemm il-facilita` izda minhabba *security concerns* gewwa l-Eritrea.

[91] Xhieda ta' Brian Gatt a fol. 175.

ghandhom access biex jaghmlu telefonati fuq bazi regolari, ghalkemm huwa minnu li l-access ghat-telefon ma huwiex ta' kuljum minhabba n-numru ta' immigranti u l-volum ta' telefonati li jridu jsiru. Il-Qorti tosserva illi mhux mistenni li l-awtoritajiet jipprovdu l-iktar teknologija avvanzata[92] specjalment f'cirkostanzi ta' detenzjoni u f'dan il-kaz, certament jirrizulta li l-intimati pprovdew facilitajiet bazici lid-detenuti biex jigi assigurat li jkollhom access ghal komunikazzjoni fuq livell baziku.

33. Ghalhekk, filwaqt li l-allegazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent rigward nuqqas ta' viziti u nuqqas ta' access ghal komunikazzjonijiet, jinsabu kontradetti mill-provi, din il-Qorti ma thossx illi l-facilitajiet ta' komunikazzjoni u korrispondenza provduti fic-Centru tad-Detenzjoni kienu mankanti jew nieqsa b'mod li jsostnu l-ilment tar-rikorrent illi huwa gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti.

*Facilitajiet sanitarji*

34. Ir-rikorrent, filwaqt illi jilmenta bl-istat tal-facilitajiet sanitarji fic-Centru jistrieh ukoll fuq il-konstatazzjonijiet tad-diversi rapporti minnu esebiti fl-atti processwali fir-rigward ta' dawn is-servizzi. Kif diga` accenntat, skont Dok A esebit mir-rikorrent stess ("Rapport lill-Gvern

[92] Q.E.B.D ***Abdullahi Eli and others v. Malta*** – deciza 22 ta' Novembru 2016.

dwar Zjara mis-CPT f'Malta f'Jannar 2004")[93] fis-sena 2004, is-servizzi sanitarji instabu li kienu fi stat deplorabbli. Infatti, anke mill-access mizmum mill-ewwel Qorti jirrizulta illi bosta mix-showers ma fihomx purtieri u kwindi hemm nuqqas ta' privatezza.[94] B'danakollu, l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta' ilma ghall-hasil ma jirrizulta minn imkien u certament li nuqqas sporadiku ta' pressa qawwija tal-ilma fix-showers ma jista' qatt jikkonfigura fic-cirkostanzi odjerni, bhala ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif minnu allegat.

35. Mill-provi jirrizulta b'mod pacifiku illi d-detenuti jinghataw fuq bazi regolari, *cleaning materials* kif ukoll dizinfettanti u detergent, biex izommu l-livelli ta' igene accettabbli anki fil-facilitajiet sanitarji. Mhux kontestat lanqas illi d-detenuti jigu pprovduti wkoll oggetti ta' igene personali.

36. Kif intqal mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Butko v. Russia**[95] fir-rigward ta' access ghal servizzi sanitarji igenici:-

> "Finally, the Court will turn its attention to the state of the sanitary installations in the applicant's colony. It reiterates that access to properly equipped and hygienic sanitary facilities is of paramount

[93] F'pagni 19 u 20, a fol. 217 u 218.

[94] B'mod generali, jinghad illi mix-xhieda jirrizulta li b'mod generali qatt ma sar xi rapport dwar abbuz f'dan ir-rigward.

[95] App. 32036/10

importance for maintaining the inmates' sense of personal dignity. Not only are hygiene and cleanliness integral parts of the respect that individuals owe to their bodies and to the neighbours with whom they share premises for long periods of time, they also constitute a condition, and at the same time a necessity, for the conservation of health. A truly humane environment is not possible without ready access to toilet facilities or the possibility of keeping one's body clean (see Ananyev and Others, cited above, § 156, with further references to the applicable standards, and also Iacov Stanciu, cited above, § 175)".[Sottolinejar ta' din il-Qorti]

37. F'dan il-kuntest, ma jirrizultax illi r-rikorrent kien imcahhad minn access f'kull hin ghal servizzi sanitarji, jew li dawn is-servizzi kienu f'xi zmien mhux disponibbli b'mod li l-kondizzjonijiet fic-Centru ta' Detenzjoni fejn kien jinzamm ir-rikorrent jistghu jigu ekwiparati mac-cirkostanzi tal-kaz appena citat.

38. Finalment, ma jistax ma jigix osservat ukoll illi jinsab ikkonstatat mir-rapport esebit mill-appellanti stess bhala Dok D[96], illi fi zmien iktar recenti, sar titjieb konsiderevoli fil-kondizzjonijiet sanitarji u ta' igene gewwa l-facilita` ta' Lyster Barracks, tant li dawn gew meqjusa bhala accettabbli inkwantu ma kellhomx problemi serji ta' manutenzjoni sanitarja meta mqabblin ma' Centri ohrajn.

39. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti lanqas thoss li jkun gustifikabbli illi jigi attribwit esklussivament lill-intimati r-responsabbilita` ghan-nuqqas ta' manutenzjoni, indafa u igene ta' dawn il-facilitajiet sanitarji,

[96] A fol. 862

b'mod li jista' jigi konkluz li n-nuqqasijiet f'dan il-qasam tad-detenzjoni li gie assoggetat ghalihom ir-rikorrent, jammontaw ghal trattament inuman jew degradanti. Dan qed jinghad anke ghaliex jirrizulta inkontestat mill-provi illi d-detenuti nfushom mhux talli mhux dejjem ghenu attivament fiz-zamma ta' indafa[97] u manutenzjoni tas-servizzi, u fl-isforzi generali biex il-facilitajiet jinzammu kemm jista' jkun fi stat funzjonanti, anzi ta' spiss jivvandalizzaw dawn is-servizzi li huma stess iridu jinqdew bihom.[98]

40. Din il-konsiderazzjoni, abbinata wkoll mal-konkluzjoni diga` raggunta illi ma jirrizultax li kien hemm iffullar gewwa Zona B waqt il-perijodu ta' detenzjoni tar-rikorrent, iddghajjef sostanzjalment il-fondatezza tal-ilment tieghu illi l-istat tal-indafa tal-facilitajiet sanitarji gie rez iktar difficli minhabba n-numru eccessiv ta' immigranti li kienu qed jinzammu fiz-Zona tieghu. Iddghajjef ukoll l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' manutenzjoni tal-facilitajiet u servizzi fic-Centru, liema manutenzjoni tirrizulta evidenti li kienet saret iktar difficli biex ikollha effetti fit-tul minhabba wkoll l-agir u n-nuqqasijiet tad-detenuti nfushom.

---

[97] Kif jirrizulta mill-provi prodotti miz-zewg nahat, id-detenuti kienu jizvogaw regolarment fis-servizzi sanitarji kif ukoll fil-hgieg tat-twieqi.

[98] Inkluz li jitfghu l-ikel got-toilets, kif ikkonferma Fr Paul Pace, a fol. 336. Ara wkoll xhieda ta' Col. Brian Gatt a fol. 176 fejn jirrizulta li t-target ewlieni huwa l-hgieg u l-facilitajiet sanitarji.

41. Ghalhekk, jirrizulta illi l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward jinsabu sorretti mill-provi anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq riportati.

*Servizzi Medici Idonei*

42. Fir-rigward servizzi medici, jidher li l-ilment principali tar-rikorrent jikkoncerna, b'mod generali, il-livell ta' trattament mediku moghti lid-detentuti fis-sens illi kien hemm element ta' dewmien fil-ghoti ta' kura jew trattament mediku, iktar milli nuqqas ta' access fih innifsu ghal servizzi ta' sahha u medicina. Ir-rikorrent jallega illi jaf pazjenti li ma nghatawx trattament fil-pront jew ma nghatawx trattament xieraq, u jilmenta wkoll illi, ghalkemm huwa kien talab ripetutament illi jittiehed l-isptar minhabba ugiegh f'saqajh ikkagunat minn feriti antiki, wara diversi xhur kien ghadu qed jistenna li jinghata dan appuntament.

43. Minn analizi tal-provi, l-uniku nuqqas li jista' jigi identifikat fil-provvizjoni tas-servizzi medici fic-Centru, kien jikkonsisti iktar f'nuqqas ta' *follow-up*, fis-sens illi meta pazjent jinghata *ticket of referral* mit-tabib biex isirlu appuntament fl-isptar, dan jithalla f'idejn is-suldati tal-Forzi Armati biex jaghmlu l-appuntament u ta' spiss dan l-appuntament ma kienx isir. Mix-xhieda ta' Dr Greta Apap, dan l-ilment jidher gustifikat, inkwantu din ix-xhud ikkonfermat li kien hemm problema billi bosta mir-

referrals li kienu jsiru mit-tobba fic-Centru ma jaslux l-isptar. B'danakollu, din il-problema jidher li maz-zmien giet sorvolata meta t-tobba bdew jiehdu hsieb illi jwasslu r-referrals huma stess l-isptar.

44. Fil-kaz specifiku tar-rikorrent, jirrizulta li effettivament kienet ittiehdilu x-ray fil-pront kif ukoll kellu f'idejh ir-rapport mediku relattiv: <u>kien biss fl-ghoti ta' appuntament l-isptar li jirrizulta li kien hemm dewmien</u>. Madanakollu, ma jirrizultax illi d-dewmien f'dan il-qasam huwa b'xi mod dovut esklussivament lil xi nuqqasijiet fis-servizzi medici provduti fic-Centru izda huwa dewmien li pazjient ta' spiss jiltaqa' maghha fil-qasam tal-isptar in generali. Dr Greta Apap ikkonfermat illi:-

> "*To my knowledge they are given normal priority as a Maltese national would, if the referral gets to them*".[99]

45. Jinsab ritenut illi, inkwantu ghal persuni detenuti, l-Istat huwa risponsabbli ghall-benessere taghhom u peress li tali persuni huma f'sitwazzjoni ta' vulnerabbilita` l-awtoritajiet ghandhom id-dover li jharsuhom[100]. Ghalhekk in-nuqqas ta' trattament mediku xieraq f'habs jista' jiggenera kwistjoni taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni wkoll meta l-istat ta' sahha tal-persuna ma tkunx tali li tirrikjedi r-rilaxx immedjat taghha. L-iStat ghandu d-dover li jassigura li waqt li jittiehed qies tal-esigenzi prattici tal-kondizzjoni ta' prigunerija s-

[99] Fol. 421.

[100] Q.E.D.B Chernetskiy v. Russia, 16/10/2014, #72.

sahha u l-benessere tal-persuna detenuta jigu mharsa adegwatament billi, fost hwejjeg ohra, id-detenut jinghata l-assistenza medika mehtiega.[101]

46. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, fuq citata, fl-ismijiet **Paul Caruana v. Id-Direttur tal-Habs**[102], filwaqt illi saret referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet **Marian Chirita v. Romania**[103] u **Aleksanyan v. Russia**[104], gie ritenut illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ma jaghtux garanzija li kull persuna detenuta jkollha assistenza medika tal-istess livell ta' klinici privati. Dak li hu mehtieg hu li l-livell ta' trattament mediku disponibbli jkun kompatibbli mad-dinjita` tal-persuna tad-detenut filwaqt li jiehu qies tal-esigenzi tal-istat ta' prigunerija.

47. Fid-dawl tal-provi kollha u ta' dak fuq espost, ma jirrizultax, lanqas mir-rapporti esebiti mir-rikorrent mar-rikors tal-appell tieghu,[105] illi kien hemm nuqqas ta' access ghal servizzi medici jew xi ilmenti li s-servizz baqa' ma nghatax lil min talbu. Lanqas jirrizulta minn dawn ir-rapporti jew mill-provi mressqa in prim'istanza, illi r-rikorrent jew xi haddiehor mid-detenuti soffra deterjorazzjoni fl-istat ta' sahha tieghu jew problemi

---

[101] Q.E.D.B Marian Chirita v. Romania, 21/10/2014, #37.
[102] Deciza 31/10/2014 (App. S. 19/11)

[103] *ibid*.

[104] Deciza 22/12/2008.

[105] Dok D – a fol. 865.

medici direttament bhala konsegwenza ta' xi dewmien fit-trattament mediku provdut jew minhabba nuqqas ta' attenzjoni medika. Finalment, ma jirrizultax illi r-rikorrent qatt kien marid u gie rifjutat trattament. Din il-Qorti tqis illi huwa pjuttost manifest li s-servizz mediku moghti fic-Centru tad-Detenzjoni, fiz-zmien li fih kien mizmum ir-rikorrent taht detenzjoni, kien wiehed idoneu jekk mhux mill-ahjar.[106]

48. Ghaldaqstant anke dan l-ilment tar-rikorrent mhuwiex gustifikat.

*It-Tent Compound*

49. Rigward l-akkomodazzjoni tieghu fit-tinda (tent compound) gewwa Lyster barracks, jidher illi l-ilmenti tar-rikorrent huma gustifikati biss inkwantu jirrizulta illi l-kondizzjonijiet taht it-tined kienu rudimentari u li t-tined ma kienux joffru insulazzjoni sufficjenti kontra l-elementi. B'danakollu, jirrizulta li d-detenuti fit-tent compound kellhom living area gewwa binja separata li kienet isservi wkoll bhala dining area.

50. Ma jirrizultax illi l-appellant inzamm go dan il-compound ghal tul ta' zmien. Infatti, jirrizulta illi huwa dam biss tliet xhur fis-sajf jinzamm

[106] Mix-xhieda ta' Dr Raymond Sammut u ta' Dr Greta Apap, jirrizulta li s-servizzi medici fic-Centru ta' Detenzjoni gew *outsourced* lill-privat minn April 2007, u beda jigi offrut servizz ta' tabib kuljum fil-klinika li hemm f'kull centru mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-Tnejn sal-Gimgha. Jirrizulta illi fil-weekends u f'kaz li jkun hemm xi lmenti filghaxija jew bil-lejl, illi d-detenuti jittiehdu fl-iktar centru tas-sahha vicin, filwaqt illi min jehtieg iktar kura jigi riferut l-isptar. Oltre dan, jidher inkontestat illi l-immigranti fid-detenzjoni b'mod generali dejjem jittiehdu l-isptar ghal dawk l-appuntamenti li jistghu jinghtawlhom.

hemm u dan, lejn l-ahhar tad-detenzjoni tieghu. Ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li seta' ma kienx hemm provvizjoni kontinwa ta' ilma shun ghal min ikun akkomodat gewwa t-tent compound, dan in-nuqqas ma setax affettwa lir-rikorrent b'mod daqshekk negattiv fil-perijodu relattivament qasir tas-sajf li ghamel fl-imsemmi compound.

51. Infatti, fir-rapport Dok Cipprezentat mill-istess appellanti, wiehed ma jsib l-ebda kundanna *ad hoc* ta' dan il-compound mill-perspettiva ta' ksur potenzjali tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, anke ghaliex dan kien qieghed jintuza' biss temporanjament[107] sakemm tinbena minfloku struttura permanenti biex jakkomoda d-detenuti gewwa Lyster Barracks.

*L-Allegazzjoni dwar nuqqas ta' rispett*

52. Finalment, ir-rikorrent jilmenta illi ma kienx jintwera rispett fil-konfront tieghu. Mix-xhieda tieghu jidher illi din il-percezzjoni generali li ghandu r-rikorrent hija l-iktar marbuta mal-fatt illi huwa kien kostrett jilbes il-manetti kull meta johrog mic-Centru u anke fl-okkazzjonijiet meta kien joffri s-servizzi tieghu bhala traduttur fil-lingwi.[108] Il-Qorti tapprezza illi persuna li tkun qed tfittex l-asil f'pajjiz iehor u tispicca f'detenzjoni ser ikollha diffikultajiet naturali li taccetta l-konsegwenzi ta' dak id-dhul

[107] A fol. 775

[108] Xhieda tar-rikorrent a fol. 375/376. Huwa sinjifikanti wkoll li jigi osservat li r-rikorrent qatt ma kien kostrett illi jrendi servizzi ta' traduzzjoni, anzi kien joffri s-servizzi tieghu volontarjament.

irregolari, fosthom id-detenzjoni ghal certu perijodu ta' zmien, skont kif del resto esprima ruhu kjarament ir-rikorrent.

53. Fil-kawza **Maneh Essa et vs Kummissarju tal-Pulizija et**[109], gie ritenut illi:-

> "… it-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna *intense physical and mental suffering*. Inoltre s-suffering jista jkun kemm mentali kif ukoll fiziku".

54. F'dan il-kaz, il-Qorti tqis li t-tlibbis tal-manetti fuq persuna li qieghda taht detenzjoni ma jistax jitqies bhala mizura li teccedi l-bilanc li ghandu jinzamm bejn dak li huwa mehtieg fic-cirkostanzi biex tigi ristretta l-liberta` ta' dak li jkun, u fl-istess waqt tirrispetta d-dinjita` tieghu. F'dan il-kuntest u fic-cirkostanzi tar-rikorrent, it-tlibbis tal-manetti ma fihx l-elementi kostituttivi ta' umiljazzjoni jew trattament degradanti li jeccedi l-limiti tas-severita` inerenti f'kull kaz ta' detenzjoni b'mod li jaghtu lok ghall-vjolazzjoni tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati.

55. Rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa kien vittma ta' insulti verbali, din ma ssibx riskontru la fix-xhieda tal-istess rikorrent u lanqas mill-atti processwali voluminuzi ta' dan il-kaz; anzi jirrizulta illi r-rikorrent qatt ma ghamel rapport waqt il-perijodu ta' detenzjoni tieghu li huwa

[109] Deciza fis-16 Dicembru 2009

kien vittma ta' insulti verbali minn xi membru tal-istaff tac-centru. Infatti, jigi osservat b'mod generali illi r-rikorrent ma jilmentax u ma jallegax illi huwa gie xi darba assoggettat ghal xi kastig jew li ttiehdu mizuri dixxiplinarji fil-konfront tieghu, u lanqas illi nzamm f'izolament.[110]

56. Fil-kawza **Giuseppa Galea v. Segretarju tad-Djar**[111] il-Qorti osservat hekk:-

> ".. it-trattament degradanti … hu trattament li gravament ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor. Dan il-kuncett ghadu forsi m' huwiex zvolt bizzejjed, imma l-Qorti tahseb li fih jidhol ukoll, apparti forsi elementi ohra, anke l-element tal-vjolazzjoni serja tad-dinjita' umana tas-suggett'". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

57. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis illi jekk hemm lok ghal thassib dwar istanzi ta' umiljazzjoni jew trattament degradanti fil-konfront ta' detenuti ohrajn li fihom ir-rikorrent ma kienx involut, dawn ma jistghux iservu bhala prova in sostenn tal-ilmenti tar-rikorrent ta' imgieba abbuziva fil-konfront tieghu f'dawn il-proceduri.

58. Fid-dawl ta' dan kollu, u b'mod generali ghar-rigward tal-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha abbazi tal-provi mressqa quddiemha, din il-Qorti ma tirraviza l-ebda apprezzament hazin tal-provi jew osservazzjonijiet mhux korretti, anzi jirrizulta li l-

---

[110] Xhieda tar-rikorrent a fol 187 u kif jirrizulta wkoll mill-stqarrija lill-Qorti waqt l-access tat-12 ta' Marzu 2008.

[111] ***Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar*** deciza fl-20/7/1977.

ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi fil-qafas tac-cirkostanzi kollha li fihom kien detenut ir-rikorrent u l-kondizzjonijiet li ghex fihom fil-perijodu u fil-lok partikolari tad-detenzjoni tieghu, u dan fil-kuntest sew tal-kriterji stabbiliti minn standards internazzjonali u sew fid-dawl tal-kazistika Ewropea.

59. Kif ritenut fil-kaz Floreav v. Romania[112]:-

> "The State had to ensure that all prisoners were detained in conditions which respected their human dignity, that they were not subjected to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that their health was not compromised".

60. F'dan il-kaz odjern, ma jirrizultax li kien hemm tortura, degradazzjoni, umiljazzjoni u *ill-treatment* fis-sens imfisser fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni, u lanqas jirrizulta li kien hemm xi severita` f'livell li jeccedi dak il-grad minimu ravvizat mill-Qorti Ewropea li huwa accettabbli fil-kuntest ta' detenzjoni. Ma jirrizultax illi fil-kaz odjern tar-rikorrent, l-istat naqas milli jassigura li r-rikorrent jinzamm detenut f'cirkostanzi li ma jeccedux dan il-limitu tollerabbli ta' tbatija.

61. Il-Qorti tirrikonoxxi illi fid-detenzjoni tieghu, ir-rikorrent bata u soffra certu grad ta' anzjetà u sens ta' inferjorità li necessarjament ikunu qajmu sensazzjonijiet ta' umiljazzjoni u denigrazzjoni li instrinsikament

---

[112] 14 September 2010.

jakkompanjaw ir-restrizzjoni tal-liberta` ta' individwu li ggib maghha d-detenzjoni, izda ma giex ipprovat illi dawn l-elementi kienu jezistu, fil-konfront tar-rikorrent u f'livell li jeccedi dak li huwa inevitabbli fic-cirkostanzi tad-detenzjoni tieghu.

62. Fuq kollox, jigi osservat li b'ebda mod ic-cirkostanzi tad-detenzjoni tar-rikorrent jistghu jigu ekwiparati mac-cirkostanzi tad-detenzjoni riskontrati fil-kaz citat mir-rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu, **Dougoz v. Greece**[113], fejn instab li kien hemm ksur tal-Artikolu 3.[114] Lanqas jistghu c-cirkostanzi tad-detenzjoni tar-rikorrent jigu ekwiparati ma' dawk riskontrati fil-kaz ta' **Eskerkhanov and others v. Russia**[115], **Ananyev v. Russia** jew **Varga and Others v. Hungary**[116]. Lanqas jirrizulta illi d-detenzjoni tar-rikorrent fic-Centru inkwistjoni issarfet f'xi feriti jew griehi fuq il-persuna tar-rikorrent jew li kellha, altrimenti, xi riperkussjonijiet ohrajn negattivi, fizici jew mentali, fuq l-istess rikorrent jew fuq il-personalita` tieghu, b'mod li jista' jigi ravvizat xi ksur tal-Artikolu 3.

---

[113] App. 40907/98, deciza 6 ta' Marzu 2001.

[114] F'dak il-kaz, gie konstatat mill-Qorti Ewropeja li l-applikanti kien mizmum go cella f'kundizzjoni estremi ta' hmieg u iffullar, liema cella kienet ukoll nieqsa minn dawl naturali, facilitajiet adegwati ghall-irqad, u servizzi sanitarji sufficjenti. Gie riskontrat ukoll matul il-perijodu ta' detenzjoni ta' l-applikant, nuqqas assolut ta' access ghal rekrejazzjoni u kwindi ta' access ghall-arja friska, nuqqas access ghal servizzi ta' tabib u spizjar, maghdud ma' nuqqas assolut ta' viziti.

[115] App. 18946/2016

[116] 10 March 2015 (pilot judgment)

63. Il-Qorti ezaminat ukoll, kif del resto mitlub mir-rikorrent, il-fattispecje tal-kazijiet **Aden Ahmed v. Malta** kif ukoll **Abdullahi Elmi and others v. Malta**, li l-mertu taghhom jittratta espressament il-kondizzjonijiet tac-Centri tad-Detenzjoni Maltin fid-dawl tal-kriterji rikjesti biex jinstab ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Kontrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, ma jirrizultax illi l-fattispecje ta' dawk il-kazijiet jistghu jsibu riskontru fic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Infatti, huwa evidenti illi l-element determinanti ghas-sejba ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fil-kaz ta' **Aden Ahmed v. Malta**[117] kienet il-pozizzjoni vulnerabbli tal-applikant minhabba l-istat ta' sahha prekarja taghha, kemm fizika kif ukoll mentali, kif ukoll il-passat taghha u c-cirkostanzi emozzjonali marbutin mieghu.

64. Fil-kaz **Abdullahi Elmi and others v. Malta**[118], jirrizulta illi l-element determinanti fis-sejba ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni kien indubitament l-eta` vulnerabbli tal-applikanti, li kienu minorenni li nzammu detenuti fic-Centru ta' Detenzjoni f'Malta ghal perijodu, f'kwartieri u f'cirkostanzi li ma hadux in konsiderazzjoni l-eta` taghhom u li minhabba f'hekk kellhom jitqiesu bhala persuni vulnerabbli.

65. Filwaqt li r-rikorrent inevitabbilment bhala refjugjat minn pajjizu li qed ifittex asil f'pajjiz iehor, ghandu jitqies ukoll bhala persuna

[117] Deciza mill-Q.E.D.B fit-23 ta' Lulju 2016

[118] Deciza 22 ta' Novembru 2016 Q.E.D.B

vulnerabbli, izda ma jirrizultax li ghandu jitqies li kien persuna f'pozizzjoni vulnerabbli bl-istess mod li kienu l-applikanti fiz-zewg kazijiet appena citati. Barra minn hekk, irid jigi osservat ukoll illi f'ebda wiehed minn dawn l-istess kazijiet citati ma gie determinat mill-Qorti Ewropea illi l-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fic-Centri tad-Detenzjoni f'Malta jilledu b'mod generali d-drittijiet sanciti fl-imsemmi Artikolu 3.

66. Finalment, ma jistax ma jigix senjalat illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-fehma li l-ewwel Qorti esprimiet fis-sentenza taghha[119] dwar il-percezzjoni li inevitabbilment ikollhom id-detentuti inkluz ir-rikorrent, dwar il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni taghhom, liema percezzjoni generalment tkun ferm u ferm iktar gravi mir-realtà li attwalment ikunu jinsabu fiha appuntu minhabba li, filwaqt jkunu harbu minn pajjizhom u ghaddew minn vjagg perikoluz unikament bl-iskop li jsibu hajja ahjar munita bil-paci u protezzjoni, isibu ruhhom detenuti minghajr ma jkunu komettew, fil-fehma taghhom, l-ebda reat ghajr ghal dak li fittxew asil. F'dan il-kuntest, ma huwiex difficli li wiehed jifhem illi l-aspettattivi tal-immigrant ikunu inevitabbilment ferm iktar gholjin fl-isfond tal-passat li harbu minnu, u ghalhekk iqabbluhom inevitabbilment mas-sitwazzjoni li jkunu harbu minnha.[120]

---

[119] Pagan 22 u 2 tas-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017.

[120] Ara f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Baraki Araye Gebremeskel fl-udjenza ta'18 ta' Lulju 2007.

67. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi migjuba l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li l-apprezzament maghmul minn dik il-Qorti jigi disturbat.

68. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

69. Tenut kont ta' dak fuq deciz, mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

Decide

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell. L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell jibqghu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb